

# IL-MISSJUNARJU

*Newspaper post* | *Ħarġa Nru: 129* | *Settembru 2020 - Novembru 2020*

## L-EFFETT TAL-COVID-19 FL-ARTIJIET TAL-MISSJONI

*Dun Ġużepp mill-Gwatemala jikteb:*

Ninsabu fi ġlieda kontra l-coronavirus li biddlet ir-ritmu ta' ħajjitna - marda li poġġiet ħafna nies fil-ġenb. Jekk niftakar tajjeb, fis-sajf li għadda, flimkien ma' grupp tal-Mission Fund, iddiskutejna kif nistgħu nkunu ta´ għajnuna għal xi ftit familji li m'għandhomx fejn imiddu rashom fil-Gwatemala. Ftit xhur ilu, għażilt sitt familji li jeħtieġu din l-għajnuna u għalhekk il-Mission Fund wegħdet li tibgħat il-fondi neċessarji biex jinbnew djar għal dawn il-familji. Bqajt f'kuntatt magħhom, iżda f´dawn l-aħħar xhur tlifna kull kuntatt, minħabba l-ħafna restrizzjonijiet li għamel il-gvern. Iżda issa erġajt għamilt kuntatt magħhom u x-xogħol tal-bini diġà beda. S'issa irċevejna mingħand il-Mission Fund is-somma ta´ €30,000 u għalhekk diġà tajna bidu għal dan il-proġett ferm meħtieġ. Nisperaw li jgħaddi kollox b´wiċċ il-gid, jekk il-Mulej irid.



*Dun Ray Portelli mill-Perú jikteb:*

L-isptar li ili naħdem fih bħala tabib għal dawn l-aħħar 20 sena, jinsab f'sitwazzjoni ta' kriżi. Madwar 80 tobba ħadu l-infezzjoni tal-virus, waqt li wħud mietu. Hemm nuqqas kbir ta' mediċini u ta' apparat protettiv. La għandna maskri u l-anqas ingwanti. Imma meta tara l-pazjenti qed ibatu, ma toqgħodx tqis li tkun qed tipperikola ħajtek minħabba nuqqas ta' protezzjoni. Il-knisja lokali għamlet appell għall-fondi u xtratilna impjant tal-ossiġenu, imma dan mhux biżżejjed għan-numru kbir ta' pazjenti. Qed ikollna madwar 60 pazjent ġdid kuljum. Aħna ma nistgħux inlaħħqu max-xogħol. Nirringrazzja lill-benefatturi tal-Mission Fund għad-donazzjoni li rċevejt biex inkunu nistgħu nikkumbattu din il-marda qerrieda.

**MISSION FUND:** 255, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,Triq il-Bażilika, Mosta MST 3292 ***Ħinijiet tal-ftuħ:*** Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664 **E-mail:** info@missionfund.org.mt **Website:** www.missionfund.org.mt **Facebook:** www.facebook.com/missionfund.org.mt
**Reg No: VO/0015**

# ĦIDMA MISSJUNARJA MIS-SORIJIET TA' NUZZO

*Joe Mifsud*

Il-kongregazzjoni reliġjuża Ulied il-Qalb ta' Ġesú twaqqfet f'Malta f'Novembru tas-sena 1903 minn Teresa Nuzzo, soru Maltija mwielda l-belt Valletta. Bil-għajnuna t'Alla maż-żmien iffjorixxiet hawn Malta u bil-mod il-mod infirxet ukoll fl-Ewropa, fl-Amerika, fl-Asja u fl-Afrika. Kongregazzjoni mibnija fuq l-umiltà u ħajja sempliċi. Is-sorijiet imexxu diversi skejjel u orfanatrofji u jassistu fi kliniċi u sptarijiet.

Kien fis-sena 1980 li Sr Pauline Farrugia ħalliet Malta biex tibda kongregazzjoni ġdida fil-Kenja. Għaddew erbgħin sena u llum fil-Kenja nsibu numru ta' djar tal-kongregazzjoni kif ukoll għadd ta' skejjel. Mill-Kenja, is-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesú nfirxu fil-pajjiżi ġirien Afrikani: l-Uganda u t-Tanzanija. Sr Pauline illum Madre Ġenerali ta' spiss itterraq biex iżżur il-kommunitajiet fl-erba' kontinenti.

Il-Mission Fund kull sena tibgħat donazzjonijiet lis-sorijiet Maltin tal-kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesú li qegħdin fil-missjonijiet fil-Kenja, fil-Filippini u fl-Indja. Barra minn hekk għal 3 darbiet, il-Mission Fund ħejjiet u bagħtet voluntiera biex jassistu fi proġetti mitlubin mis-sorijiet ta' Nuzzo kif isibhuhom ħafna Maltin u Għawdxin.

Fis-sena 2000, il-voluntiera tal-Mission Fund bnew maħżen għal baqar u impjant tal-biogas f-Langata, qrib Nairobi. Barra minn mutur tal-ħart tellgħu magħhom ukoll diversi għodod tal-bini. Waħda mis-sorijiet malajr tgħallmet tuża l-mutur tal-ħart u billi huma kienu jaħdmu r-raba bl-idejn tassew ħadu r-ruħ. Kemm jistgħu jkun, huma stess kienu jkabbru l-għalf għall-baqar ħalli dawn jipprovdu l-ħalib għat-tfal fid-djar tal-orfni. Mid-demel tal-baqar l-impjant biogas kien jipproduċi gass li jintuża biex jinxtegħlu lampi u għat-tisjir. Żgur li ma jinħela xejn! Meta jaqtgħu xi għanqud banana anke iz-zokk tal-banana kienu jitimgħuh lill-baqar!

Għaddew erba' snin u fis-sena 2004 il-Mission Fund reġgħet laqgħet it-talba ta' Sr Pauline għall-bini ta' laboratorju għal skola sekondarja f'Baharini fil-Kenja. Wara programm ta' preparazzjoni, tnejn u għoxrin voluntier ħallsu l-ispejjeż personali kollha u stinkaw għal ħames ġimgħat fil-Kenja biex iwasslu dan il-proġett għat-tmiem. Barra milli ffinanzjat il-bini ta' dan il-laboratorju, l-Mission Fund bagħtet ukoll fondi biex jinbena ġibjun biex jilqa' l-ilma tax-xita mill-bjut tal-laboratorju.



F'Awwissu u Settembru 2019 il-voluntiera tal-Mission Fund reġgħu iffinanzjaw u ħadmu fuq proġett ieħor fil-Kenja. Din id-darba l-proġett kien parti minn skola sekondarja għall-bniet f'Ruiru. Fil-Kenja l-istudenti jispiċċaw l-iskola primarja ta' erbatax-il sena biex imbagħad ikomplu s-sekondarja għal sitt snin oħra. Minn hawn, jekk imorru tajjeb, jistgħu jidħlu l-università jew xi kulleġġ.



Il-voluntiera tal-Mission Fund ħadmu għal ħames ġimgħat flimkien ma' ħaddiema Afrikani biex ix-xogħol jitlesta fil-ħin. Fil-Kenja, is-sena skolastika tibda fil-bidu ta' Jannar, iżda peress li x-xogħol fil-klassi kien għadu ma tlestiex, din l-iskola ta' Ruiru laqgħet l-ewwel studenti f'nofs Jannar. Kif kien ippjanat l-iskola bdiet bi klassi waħda. Ix-xogħol fuq partijiet tal-iskola għadu sejjer. Meta jkun lest kollox, bil-għajnuna t'Alla ser ikun hemm tnax-il klassi, żewġ laboratorji, erba' dormitorji u akkomodazzjoni għas-sorijiet li jmexxu l-iskola. Minħabba l-fatt li wħud mill-istudenti jgħixu fi djar ċkejkna jew gorboċ mingħajr servizzi tal-ilma jew elettriku, ikun diffiċli għalihom li jistudjaw jekk jibqgħu jgħixu fid-dar. Huwa għalhekk li s-sorijiet għandhom il-ħsieb li jibnu d-dormitorji.

Ħafna drabi l-familji Afrikani jibgħatu lis-subien l-iskola u jżommu l-bniet id-dar biex jgħinu l-familja li aktarx tkun numeruża. Ġieli l-ewwel biċċa xogħol tkun il-provvista tal-ilma għal dak il-jum u l-bniet imorru jfittxu l-ilma mix-xmara jew minn xi nixxiegħa u ftit li xejn jibqa' ħin għall-iskola. Dan il-proġett edukattiv sejjer jgħin biex il-bniet ikollhom opportunitajiet daqs is-subien. Edukazzjoni tajba, barra milli tibni karattru sod, twassal ukoll għal impjieg tajjeb u ċans aħjar biex meta jasal il-waqt tinbena familja fuq pedamenti sodi.

Grazzi talli intom kontu parti minn dan il-proġett edukattiv permezz tat-talb u tal-għajnuna finanzjarja tagħkom.



Ta' min jgħid ukoll li f'Ruiru s-soċjetà Maltija tal-Mużew ukoll għandha qasam immexxi minn tlett soċji. Dan il-qasam ilu jagħti servizz sa mis-snin tmenin. Kif kienu tant viċin, il-voluntiera tal-Mission Fund ħadu l-opportunità biex iżuruhom u jagħtuhom donazzjoni.

Saru żjarat ukoll fil-kunvent tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù ta' Langata, kif ukoll fl-orfanatrofji mmexxija mill-istess sorijiet fl-irħula ta' Limuru u Satellite. L-età tal-bniet li jgħixu f'dawn l-orfanatrofji tvarja minn sena sa 21 sena.

Dan il-progett huwa ko-finanzjat mill-Ministeru ghall- Affarijiet Barranin u Ewropej tar-Repubblika ta' Malta bl-Ghajnuna Ufficjali ghall-Izvilupp (ODA)

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

## QATT KONT TAF LI .........?

- Madwar 1.2 biljun persuna (16% tal-popolazzjoni dinjija) tgħix b'inqas minn €1.50 kuljum. Din is-sitwazzjoni x'aktarx li tmur iżjed għal agħar minħabba l-pandemija tal-coronavirus.
- L-aktar 26 sinjuri tad-dinja għandhom ġid daqs 3.8 biljun persuna foqra. Min hu mejjet fis-sakra u min hu mejjet għal qatra.
- Madwar 759 miljun persuna huma llitterati: 72 miljun minnhom huma tfal.
- Kull 10 sekondi persuna tmut kawża tal-ġuħ. Il-parti l-kbira minnhom huma tfal. Hemm biżżejjed ikel għal kulħadd imma ħafna minnu jintrema. TAĦLIX – għax iż-żejjed tiegħek huwa n-nieqes ta' ħaddieħor.
- Madwar 2.2 biljun persuna m'għandhomx aċċess għal ilma tax-xorb nadif. Dan iwassal għal madwar 500,000 persuna li jmutu minħabba d-diarrhea, il-parti l-kbira minnhom huma tfal.
- Madwar 2 miljun tfal imutu kull sena minn mard li normalment huwa kurabbli bħal AIDS, tuberkolożi, pnewmonja, diarrhea, malarja, ħożba eċċ.



MISSION FUND

## QUDDIES GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA

Noffri quddies b'suffraġju għar-ruħ / għall-erwieħ ta':

________________________________________

________________________________________

Qiegħed nibgħat donazzjoni ta' **€** ________ permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-**Mission Fund** għall-bżonnijiet tal-missjunarji:

**ISEM:** ____________________________________

**INDIRIZZ:** ____________________________________

____________________ Kodiċi postali: ____________ Tel: ____________

**NOTA:Jiena, hawn taħt iffirmat, nagħti l-kunsens tiegħi biex il-Mission Fund tibqa' żżomm id-dettalji personali tiegħi li jidhru hawn fuq sabiex inkun nista' nirċievi in-newsletter, il-kalendarju u l-pubblikazzjonijiet kollha tal-Mission Fund. Grazzi.**

Email: ____________________________ Firma ____________________